# DIN SMAJTHA X'IMKIEN!

## (Is-siegħa żejda)



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa

F'Novembru li għadda, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Berlin iddeċidiet li l-elezzjoni tas-26 ta' Settembru tal-2021 se jkollha terġa' ssir.

Dan wassal biex fit-12 ta' Frar tal-2023 se terġa' ssir elezzjoni. Din id-darba se jkun hemm aktar postijiet ta' votazzjoni u minflok se jiġu ingaġġati 34,000 ħaddiem tal-elezzjoni, se jiġu ingaġġati 38,000 jew aktar.

Fl-elezzjoni tal-2021 f'Berlin saru erba' votazzjonijiet f'daqqa. L-ewwel votazzjoni l-elezzjoni federali li tagħżel il-gvern tal-Ġermanja kollha. It-tieni, dik statali tal-Membri Parlamentari tal-Parlament ta' Berlin innifisha. It-tielet, dik distrettwali: dawk li qishom il-Kunsill Lokali ta' 12-il distrett (Bezirk) differenti f'Berlin u r-raba' votazzjoni li kien referendum favur l-esproprjazzjoni ta' proprjetajiet ta' kumpaniji kbar, sidien ta' ħafna bini f'Berlin.

Fl-istess ġurnata kien hemm ukoll il-maratona tal-ġiri ta' Berlin li ħolqot diffikultajiet loġistiċi fit-traffiku, fost oħrajn. Il-Qorti identifikat irregolaritajiet u żbalji numeriċi elettorali fosthom poloz tal-voti ħziena, nieqsa jew kkuppjati malajr. Semmew li ma kienx hemm biżżejjed kaxxi tal-voti u l-fatt li xi postijiet tal-votazzjoni għalqu għal xi ħin matul il-ġurnata. Xi postijiet tal-votazzjoni spiċċaw bla poloz tal-vot u xi poloz tal-voti spiċċaw f'distrett żbaljat u wrew kandidati ta' distrett ieħor li l-votanti ma kinux intitolati jivvutaw għalihom. Fejn votanti ivvutaw lil kandidati mhux tad-distrett tagħhom l-voti tagħhom kollha kienu invalidi.

Minbarra hekk, nofs il-postijiet tal-votazzjoni (2,256 b'kollox) kellhom nies li vvutaw wara s-6.00 p.m. – wara li suppost diġà kienu għalqu l-postijiet tal-votazzjoni.

F'Berlin innifisha, li hija kemm stat kif ukoll belt (pereżempju fil-każ tal-Bavarja, il-Bavarja huwa l-istat u Munich/Muenchen hija l-Belt imma fil-każ ta' Berlin hija l-istat u Berlin hija wkoll il-belt), il-gvern ta' Berlin immexxi mill-Prim Ministru Franziska Giffey, s'issa kien immexxi minn koalizzjoni ffurmata mis-Soċjalisti Demokratiċi, il-Ħodor u l-Partit tax-Xellug.

Storja bħal din tqanqal nostalġija kbira. L-elezzjoni tal-2008 f'Malta kienet mifnija b'allegazzjonijiet ta' abbużi ta' Maltin li vvutaw xorta minkejja li ma kinux jgħixu Malta, nies li biex juru li vvutaw lill-PN allegatament ħadu ritratti jew iddikjaraw li ma jafux jiktbu biex juru lir-rappreżentanti fil-kamra tal-vot lil min ivvutaw. Dan seta' wassal għal kmamar tal-voti jingħalqu repetutament u konsegwentement l-allokazzjoni ta' siegħa aktar biex jingħalqu l-postijiet tal-votazzjoni. L-elezzjoni wasslet għal diskrepanza ta' 1,580 vot biss bejn il-partiti ewlenin Maltin. Il-PL tilef bi 800 vot għax wara kollox kulma ried nofs il-voti biex jirbaħ: 60 vot fuq kull distrett.

Ħadd ma mar quddiem il-Qorti jew il-Kummissarju tal-Pulizija. Ħadd ma ċċekkja jekk persuni li ma kinux jafu jiktbu fl-2008 kinux jafu jiktbu fl-2003. Iżda ħafna Laburisti emmarġinati kellhom jistennew ħames snin sħaħ biex forsi jkollhom xogħol. Hija aktar ħasra li dawn iħossuhom sal-lum imwarrbin.

Diffiċli tispjega dawk iż-żminijiet lil tfalijiet li ġew fil-prosperità li qed tesperjenza Malta bħalissa. Billi aħna Ewropej, bħall-Ġermaniżi ta' Berlin, ma rridux nassumu li l-irregolaritajiet elettorali ma jeżistux. Pereżempju, jien qatt ma smajt li xi darba nħoloq xi reġistru ta' dawk li ddikjaraw li mhumiex kapaċi jivvutaw waħedhom u li fih ir-raġuni għaliex il-persuna ma setgħetx tivvota waħedha.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa.

